Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-13 ta' April, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 329/2021, fl-ismijiet Peter Vella de Fremaux et vs l-Avukat Adrian Delia et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat l-Avukat Adrian Delia, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 26 ta' Jannar, 2021

Lil 1) Avukat Adrian Delia (KI 099369M) ta' 11, Aladan, Triq Karm Zerafa, Birkirkara BKR 1713
2) Avukat Nicole Vella de Fremaux

Permezz tal-preżenti Peter Vella de Fremaux u martu Madeleine; sive Magda Vella de Fremaux (KI 0256347M u 0103949M rispettivament) ta' Barumbara, Triq San Ġakbu, is-Siġġiewi SGW 1603, mill-gdid ifakkru illi intom id-debituri tal-mittenti fis-somma komplessiva ta' €287,170.00 rappreżentanti l-bilanċ ta' diversi ammonti mislufa u avvanzati lilkom għal diversi raġunijiet u matul diversi żminijiet u dan skont skeda hawn annessa u mmarkata Dok. A fejn il-mittenti jelenkaw id-diversi somom avvanzati

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 13th April, 2021, in the records of the judicial letter number 329/2021, in the names Peter Vella de Fremaux et vs Advocate Adrian Delia et, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Advocate Adrian Delia, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th January, 2021

To 1) Advocate Adrian Delia (ID 099369M) of 11, Aladan, Triq Karm Zerafa, Birkirkara BKR 1713
2) Advocate Nicole Vella de Fremaux

By means of this present Peter Vella de Fremaux and his wife Madeleine sive Magda Vella de Fremaux (ID 0256347M and 0103949M respectively) of Barumbara, Triq San Ġakbu, Siġġiewi, SGW 1603, once again remind you that your in debt with them is in the total amount of €287,170.00 representing the balance of several amounts loaned and given to you for several reasons and over various times and this according to the statement here attached and marked as Doc. A where the interpellants listed the several

lilkom u l-ħlasijiet magħmula minnkom, u li din is-somma għadha pagabbli għalkemm intom wegħidtu kemm-il darba illi intom sejrin tħallsu.

Għalhekk il-mittenti jsejħulkom sabiex fi żmien ġimgħa mid-data illi fiha tiġu notifikati b'dan l-att, tersqu għall-ħlas tal-imsemmija somma.

Fin-nuqqas jittieħdu proċeduri kontra tagħkom.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

amounts given to you and the payments given to you, and this amount is still due although you promised that you are going to pay several times.

Thus the interpellants are soliciting you so that within one week from the date of notification of this act, you pay the sums mentioned.

In default further procedures will be taken against you.

So much for your own guidance.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

569

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Frar, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4103/2020, fl-ismijiet Camland Limited vs Joseph Grech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Grech, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 26 ta' Novembru, 2020

Lil Joseph Grech (KI 530850M), 16A, Sqaq Bisazza, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti Camland Limited (C25514) ta' Giuliana, Triq Lapsi, San Ġiljan, filwaqt li tagħmel referenza għall-konvenju datat 23 ta' Novembru, 2017, li bih inti obbligajt ruħek li tbigħ u tittrasferixxi favur is-soċjetà mittenti li obbligat ruħha li tixtri u takkwista wieħed minn ħames partijiet (1/5) indiviżi jew kull sehem ieħor verjuri li għandek mill-fond, ċjoè d-dar f'Tas-Sliema, numru 18, Triq Għar il-Lembi, kif suġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' €41.93 għaż-żmien li fadal mill-perjodu ta' disgħa u disgħin sena li bdew jiddekorru mill-10 ta' Ġunju, 1922, bid-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha u kif fil-preżent okkupat minn terzi, bil-prezz u l-kundizzjonijiet l-oħra kollha stipulati fl-imsemmi konvenju, tinterpellak għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi sabiex qabel jagħlaq it-terminu tal-istess konvenju, tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ relattiv.

Fin-nuqqas, il-mittenti se tkun kostretta tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi bil-Qorti.

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 9th February, 2021, in the records of the judicial letter number 4103/2020, in the names Camland Limited vs Joseph Grech, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Grech, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th November, 2020

To Joseph Grech (KI 530850M), 16A, Sqaq Bisazza, Tas-Sliema

By the present Camland Limited (C25514) of Giuliana, Triq Lapsi, San Ġiljan, whilst referring to the promise of sale dated 23rd November, 2017, where you obliged yourself to sell and transfer to the interpellant company that obliged itself to buy and acquire one fifth (1/5) undivided share or any other share that you have of the premises that is the house in Tas-Sliema, number 18, Triq Għar il-Lembi, as subject to the annual and temporary groundrent of €41.93 for the remaining period of a term of ninety nine years that started from the 10th June, 1922, with all its rights and appurtenances and is currently occupied by third parties, at the price and all the conditions set out in the said promise of sale, solicits you for all the purposes and effects of law so that before the expiry of the term of the promise of sale you come forward for the publication of the relative contract of sale.

In default, the applicant will be constrained to proceed further against you according to law at Court.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs

Registry of the Superior Courts, today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

570

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Marzu, 2021, fl-atti tal-protest numru 261/2020, fl-ismijiet Bank of Valletta vs Adolf Anastasi et, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 fil-konfront tal-intimati Adolf Anastasi u Bourne Company Limited.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Bank of Valletta (C2833)

vs

Adolf Anastasi (KI 110177M) u Bourne Company Limited (C77004)

Protest Ġudizzjarju tas-soċjetà Bank of Valletta plc (C2833) tesponi bir-rispett:

Illi s-soċjetà esponenti ġiet notifikata b'mandat ta' sekwestru numru 529/2018 datat 4 ta' April, 2018, fejn ġiet ordnata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex hija żżomm qualsijasi somma ta' flus u effetti oħra li hija għandha fil-pussess tagħha sal-ammont ta' €68,871.92;

Illi permezz ta' kontromandat maħrug fit-28 ta' Lulju, 2018, fuq talba tal-protest Adolf Anastasi, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-kontromandat parzjali u ċjoè limitatament fil-konfront tal-protestat Adolf Anastasi li huwa d-direttur u deus ex machina tas-soċjetà protestat oħra Bourne Company Limited. Ta' min jgħid ukoll illi Bourne Co. Ltd hija single member company tal-istess Adolf Anastasi, Dok. A;

Illi l-esponenti fid-data li rċievet il-mandat ta' sekwestru sad-dsatax-il jum legali għad-depożitu ma kellhiex flejjes tas-sekwestrati x'tiddepożita però ġara li wara l-imsemmi perjodu, kellha fil-pussess tagħha biżżejjed flus tas-soċjetà Bourne Company Limited sabiex tissodisfa t-talba tas-soċjetà sekwestranti fuq imsemmija;

Illi però bi żvista, is-soċjetà bankarja esponenti intepretat il-kontromandat parzjali maħruġ biss fil-konfront kontra Adolf Anastasi wkoll bħala kontromandat totali kemm kontra

By means of a decree of the 25th March, 2021, in the records of the protest number 261/2020, in the names Bank of Valletta (C-2833) vs Adolf Anastasi (ID 110177M) et , the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 on the respondents Adolf Anastasi and Bourne Company Limited.

In the First Hall of the Civil Court

Bank of Valletta (C2833)

vs

Adolf Anastasi (ID 110177M) and Bourne Company Limited (C77004)

Judicial Protest of Bank the company Bank of Valletta plc (C2833). Request with respect:

That the applicant company was notified with a garnishee order number 529/2018 dated 4th April, 2018, where it was ordered by this Honourable Court to retain any sum of money and other effects that it has in its posession up to the amount of €68,871.92;

That by means of a counter warrant issued on the 28th July 2018, at the request of the respondent Adolf Anastasi, this Honourable court ordered the partial revocation of the garnishee order and that is limitedly with respect to the respondent Adolf Anastasi who is the director u deus ex machina of the the other respondent company Bourne Company Limited. It is also worth mentioning that Bourne Co. Ltd is a single member company of the same Adolf Anastasi Doc. A;

That from the date when the garnishee order was received by the applicant up to the legal period of ninteen legal days for the deposit to be made, it did not have any money of the debtors to deposit but it happened that after the said period, it had in his possession sufficient money of Bourne Company Limited in order to satisfy the request of the creditor Company aforementioned;

However, as an oversight, the applicant bank interpreted the partial counter warrant issued only against Adolf Anastasi as well as a total counter warrant both against Adolf

Adolf Anastasi u kemm kontra s-soċjetà Bourne Company Limited. U dan anke wara li rat illi fid-digriet mogħti fit-tielet faċċata tal-kontromandat dan kien kontromandat totali u hekk għadu jirriżulta sal-lum mir-records electtroniċi tal-Qorti;

Illi huwa ċar u manifest illi dan l-iżball daparte tas-soċjetà esponenti sar kollu b'malintiż ġenwin u s-soċjetà esponenti rrilaxxat il-mandat tas-swekstru in toto sabiex b'hekk il-flejjes depożitati f'isem is-soċjetà Bourne Company Limited kienu ħielsa minn kull effett ta' mandat ta' sekwestru;

Illi l-imsemmija Adolf Anastasi u Bourne Company Limited bi frodi maniġġi u atti frawdolenti oħra – u ċertament b'intenzjoni frawdolenti ġjaladarba r-rikors għal kontromandat ħareġ fuq talba tal-istess Adolf Anastasi – kif indunaw illi s-soċjetà esponenti ħadet l-iżball illi ħarġet il-kontromandat totali flok wieħed parzjali biss fil-konfront ta' Adolf Anastasi, bdew proprio et nomine jiġbdu l-flejjes li kellhom mas-soċjetà esponenti intestati f'isem is-soċjetà Bourne Company limited b'tali mod u manjiera illi ħallew fil-kont tagħhom biss is-somma ta' €335.60;

Illi a kawża ta' dan il-ġbid, is-soċjetà esponenti bħala soċjetà sekwestratarja fl-imsemmi mandat ta' sekwestreu, kif kienet tenuta tagħmel skont il-liġi, iddepożitat minn flus l-istess Bank – ħlief għas-somma ta' €335.60 – is-somma ta' €68,871.92 kawtelata bl-istess mandat ta' sekwestru taħt l-Awtorità Onorabbli Qorti inter alia bid-dritt tar-rivalsa kontra l-protestati illi indebitament u frawdolentemnet irtiraw il-flus mis-soċjetà bankarja esponenti;

Illi interpellati sabiex jirritornaw l-imsemmija flejjes lis-soċjetà esponenti, l-istess Adolf Anastasi proprio et nomine ddikjara mal-bank illi huwa kien ġibed il-flus ġjaladarba l-bank irrilaxxa l-mandat ta' sekwestgru, mingħajr ma jispjega li huwa kien jaf illi tali mandat kien għadu in vigore vis a vis is-soċjetà Bourne Company Limited fuq talba tiegħu stess, spjega wkoll mal-bank illi huwa svista ruħu minn kull proprjetà sabiex ma jkunx jista' jsiru eżekuzzjonijiet kontra tiegħu. U dan kollu jindika għemil frawdolenti daparti tal-istess protestati.

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt li ġġib il-premess a formali konjizzjoni tal-protestati, tinterpellahom sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni illi s-soċjetà esponenti sofriet u qed issofri minħabba l-aġir frawdolenti u qarrieqi tal-istess protestati, inkluż partikolarment imma mhux esklussivament li minnufih jirrestitwixxu lis-soċjetà esponenti s-somma ta' €68,536.32 somma ta' flus li s-soċjetà esponenti kellha toħroġ minn butha sabiex tkopri l-mandat ta' sekwestru bħala sekwestratarja deus taħt l-istess mandat,

Anastasi and also against Bourne Company Limited. This even resulted to the bank after reviewing the third page of decree issuing the counter warrant from where it results that this was a total counter warrant and this in fact still results as at today today from the electronic records of the Court;

That it is clear and manifest that this error on the part of the applicant company was the result of a genuine misunderstanding and the applicant Company released the garnishee order in its totality such that the Money depsoited in the name of Bourne Company limited were freed from the effects of the garnishee order;

That the said Adolf Anastasi and Bourne Company Limited with fraudulent manouvers and other fraudulent acts – and certainly with fraudulent intention since the application for the counter warrant was issued at the request of the same Adolf Anastasi – as they realised that the applicant company made a mistake and issued the counter warrant in total instead of partially in respect of Adolf Anastasi, they began proprio et nomine to withdraw the money they had with the applicant company in the name of the company Bourne Company Limited in such a way and manner that they left in their account only the amount of €335.60;

That as a result of this withdrawal, the applicant company as company listed as garnishee in the mentioned garnishee order, as it was required to do according to law, deposited from its own funds – except for the sum of €335.60 – the sum of €68,871.92 secured by the same garnishee order under the authority of the Honourable Court inter alia with a right of recourse against the respondents who unduly and fraudulently withdrew the money from the applicant bank;

When asked to return the said money to the applicant company, the same Adolf Anastasi proprio et nomine stated with the bank that he had withdrawn the money once the bank had released the accounts from the effects of the garnishee order, without however explaining that he is aware that the garnishee order was still in force against Bourne Company Limited on his request, he also explained to the bank that he divested himself of any other property such that no executions can be carried out against him. All of this indicates fraudulent behaviour on the part of the respondents.

Thus, the applicant whilst bring the above mentioned formally to the attention of the respondents, it solicits them to come forward to the liquidation and payment of damages that the applicant company suffered and is still suffering because of the fraudulent acts of the same respondents, including partricularly but not exclusively the immediate refund to the applicant company of the amount of €68,536.32, this representing a sum which the applicant company had to pay from its own funds such that it covers the garnishee

liema somma s-soċjetà esponenti ħarġitha minħabba li ġiet defrawdeata mill-istess protestati u żżomm lill-istess protestati in dolo culpa u mora għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Soċjetà protestanti: Bank of Valletta plc, 1/5 Misraħ San Ġorġ, Il-Belt Valletta

Protestati: 1) Bourne Company Limited, 40, Triq tal-Fjuri, San Pawl il-Baħar
2) Adolf Anastasi, 40 Triq tal-Fjuri, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

order as garnishee in terms of the same order, which sum the applicant Company issued since it was defrauded by the same respondents and it holds the respondents responsible for all effects and purposes at law.

Applicant company: Bank of Valletta plc, 1/5 Misraħ San Ġorġ, Valletta

Respondents: 1) Bourne Company Limited, 40, Triq tal-Fjuri, San Pawl il-Baħar
2) Adolf Anastasi, 40 Triq tal-Fjuri, San Pawl il-Baħar

Registry of the Superior Courts today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

571

B'digriet tal-20 ta' April, 2021, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12):

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-16 ta' Frar, 2021, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 27 ta' Mejju, 2021, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 Biswit l-Arkivju, Livell-1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar numerata bin-numru tletin (30) ġja numru tnejn u ħamsin (52) fi Triq il-Konti Ruġġieru, Ir-Rabat, Malta, mibnija fuq żewġ sulari 'l fuq mil-livell tat-triq filwaqt kompletament taħt il-livell tat-triq hemm sular taħt l-art (basement) li l-aċċess tiegħu huwa direttament minn taraġ u lift intern filwaqt li fuq in-naħa ta' wara l-basement għandu aċċess dirett għal ġnien retropost, libera u franka bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, inkluża l-arja relattiva u stmata li tiswa seba' mija u ħamsa u għoxrin elf ewro (€725,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Gouder Maria Gloria (KI 499159M) u Gouder Joseph (KI 616356M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 53/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 23 ta' April, 2021

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 20th April, 2021 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the First Hall, Civil Courts, on the 16th February, 2021, on the application of Bank of Valletta plc (C2833), Thursday, 27th May, 2021, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale By Auction, to be held in room number 78, nearby the Archives, Level -1 Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The house numbered thirty (30) previously numbered fifty two (52) in Triq il-Konti Ruġġieru, Rabat, Malta, built on two floors above street level while completely below street level there is an undergroud floor (basement) whose access is directly from stairs and internal lift while on the rear the basement has direct access to the back garden free and unencumbered with all its rights and appurtenances and including its relative airspace valued at seven hundred and twenty five thousand euro (€725,000).

The said tenement is the property of Gouder Maria Gloria (ID499159M) and Gouder Joseph (ID616356M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 53/2019.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 23rd April, 2021

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

572

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Marzu, 2021, Rikors numru 495/2021, minn John Deguara et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur John, Victor, Maria Stella, Nazzareno, Emanuel, Teresa, Josephine, Rita, Charles u Maryann aħwa Deguara u dan fi kwota ta' decima (1/10) parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' Antonia Deguara, xebba, bint il-mejtin Gamri Deguara u Annunziata Deguara née Calleja, imwielda l-Imġarr, Malta, kienet residenti s-Siġġiewi, Malta, u mietet is-Siġġiewi, Malta, fit-8 ta' Diċembru, 2020, ta' 71 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0210249M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th March, 2021, Application number 495/2021, by John Deguara et whereby they requested that it will be declared open in favour of John, Victor, Maria Stella, Nazzareno, Emanuel, Teresa, Josephine, Rita, Charles and Maryann brothers and sisters Deguara and this in the quota of one tenth (1/10) undivided share each one of them the Succession of Antonia Deguara, unmarried, daugher of the late Gamri Deguara and Annunziata Deguara née Calleja, born in Mġarr, Malta, resided in Siġġiewi, Malta, and died in Siġġiewi, Malta, on the 8th December, 2020, aged 71, and who held identity card number 0210249M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

573

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-12 ta' Marzu 2021, Rikors numru 401/2021, minn Erika Zahra et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Erika Zahra née Bonnici mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Nolan u Jack aħwa Zahra fi kwoti ndaqs bejniethom is-Suċċessjoni ta' Christopher Zahra, żewġ Erika Zahra, bin Rokku Zahra u Mary Anne Zahra née Mangion, imwieled Tal-Pietà, Malta, kien residenti Ħal Safi, Malta, u miet Birżebbuġa, Malta, fid-29 ta' Settembru, 2020, ta' 36 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0263686M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 12th March 2021, Application number 401/2021, by Erika Zahra et whereby they requested that it will be declared open in favour of Erika Zahra née Bonnici wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Nolan and Jack brothers Zahra in equal shares between them the Succession of Christopher Zahra, husband of Erika Zahra, son of Rokku Zahra and Mary Anne Zahra née Mangion, born in Tal-Pietà, Malta, resided in Ħal Safi, Malta, and died in Birzebbuġa, Malta, on the 29th September, 2020, aged 36, and who held identity card number 0263686M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

574

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-26 ta' Marzu 2021, Rikors numru 474/2021, minn Josephine Bezzina et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Josephine Bezzina mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Aline Bezzina, Charmaine Bezzina, u Rowina Bezzina wlied id-decujus fi kwota ta' sesta (1/6) parti indiviża kull waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' Joseph Bezzina, żewġ Josephine Bezzina née Aquilina, bin il-mejtin Serafino Bezzina u Dolores Bezzina née Aquilina, imwieled il-Ħamrun, Malta, kien residenti l-Isla, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fit-13 ta' Mejju, 2012, ta' 69 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0340243M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' April 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th March 2021, Application number 474/2021, by Josephine Bezzina et whereby they requested that it will be declared open in favour of Josephine Bezzina, wife of the decujus, in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Aline Bezzina, Charmaine Bezzina and Rowina Bezzina children of the decujus Bezzina in the quota of one sixth (1/6) undivided share each one of them the Succession of Joseph Bezzina, husband of Josephine Bezzina née Aquilina, son of the late Serafino Bezzina and Dolores Bezzina née Aquilina, born in Ħamrun, Malta, resided in Isla, Malta and died in Msida, Malta, on the 13th May, 2012, aged 69, and who held identity card number 0340243M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd April 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

575

Avviż mir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Jimmy (John Mary) Chetcuti (KI 59468M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 362/2021JVC) fejn ġiet mitluba il-Korrezzjoni tal-Att tat-Twelid Nru. 594/1968 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Notice, Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Jimmy (John Mary) Chetcuti (ID 59468M) filed an application under oath (No. 362/2021JVC) demanding the Correction of the Act of Birth No. 594/1968 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

Illum, 23 ta' April, 2021

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today 23rd of April, 2021

KAREN FALZON
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

576

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'żewġ rikorsi ppreżentati fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' Lulju, 2020, u fis-27 ta' Lulju, 2020, Rikorsi numri 786/2020 u 817/2020 minn Joseph Casha u Gemma Gauci fejn insegwitu tar-rikorsi Joseph Casha, bin Anthony Casha u Felicia née Micallef, imwieled Marsaskala fil-11 ta' April, 1956, u residenti St Vincent de Paule, u li għandu karta ta' identità numru 293456M, ġie interdett mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ottubru, 2020.

By means of two applications filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd July, 2020, and 27th July, 2020, Applications numbers 786/2020 and 817/2020 by Joseph Casha and Gemma Gauci, whereby following the applications Joseph Casha, son of Anthony Casha and Felicia née Micallef, born in Marsaskala on the 11th April, 1956, residing at St Vincent De Paule and holding identity card number 293456M was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 22nd October, 2020.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

577

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' Marzu 2021, Rikors numru 428/2021, minn Raymond Grima et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Anuata Grima mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Joseph Grima, Joanne Vai u Stella Manukeu Archibald ulied id-decujus fi kwota ta' sesta (1/6) parti indiviża kull wieħed is-Suċċessjoni ta' Emanuel sive Manny Grima, divorzjat minn Carmen Beshia u żewġ Anuata Paua, bin il-mejtin Joseph Grima u Marta née Pace, imwieled Birkirkara, Malta, kien residenti Victoria, l-Awstralja, u miet Footscray, l-Awstralja, fl-24 ta' Ġunju, 2014, ta' 70 sena.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd March, 2021, Application number 428/2021, by Raymond Grima et whereby they requested that it will be declared open in favour of Anujata Grima wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Joseph Grima, Joanne Vai and Stella Manukeu Archibald children of the decujus in the quota of one sixth (1/6) undivided share each one of them the Succession of Emanuel sive Manny Grima, divorced from Carmen Beshia and husband of Anuata Paua, son of the late Joseph Grima and Marta née Pace, born in Birkirkara, Malta, resided in Victoria, Australia, and died in Footscrfay, Australia, on the 24th June, 2014, aged 70.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

578

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Marzu, 2021, Rikors numru 494/2021, minn Marlon Bonello et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Marlon Bonello fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Brenda Briffa s-Suċċessjoni ta' missierhom Carmel Bonello, legalment divorzjat minn Mary Bonello née Mifsud, bin il-mejtin Lawrence Bonello u Maria Assunta née Farrugia, imwieled Ħal Tarxien, Malta, kien residenti l-Birgu, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fis-6 ta' Ottubru, 2019, ta' 72 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 930546M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th March, 2021, Application number 494/2021, by Marlon Bonello et whereby they requested that it will be declared open in favour of Marlon Bonello in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Brenda Briffa the Succession of Carmelo Bonello, legally divorced from Mary Bonello née Mifsud, son of the late Lawrence Bonello and Maria Assunta née Farrugia, born in Ħal Tarxien, Malta, resided in Birgu, Malta, and died in Msida, Malta, on the 6th October, 2019, aged 72, and who held identity card number 930546M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

579

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-24 ta' Marzu, 2021, Rikors numru 455/2021, minn Kathleen Xuereb et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Kathleen Xuereb, Emanuel Joseph sive Noel Vella Zarb, Mariella Schembri, Joseph Mark Vella Zarb u Jennifer Mallia u dan fi kwota ta' kwinta (1/5) parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' ommhom Giuseppa sive Josephine Vella Zarb, armla ta' Anthony Vella Zarb, bint il-mejtin Emmanuele Seychell u Elena Seychell née Bugeja, imwielda Tas-Sliema, Malta, kienet residenti San Ġiljan, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fl-1 ta' Jannar, 2021, ta' 92 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0402228M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 24th March, 2021, Application number 455/2021, by Kathleen Xuereb et whereby they requested that it will be declared open in favour of Kathleen Xuereb, Emanuel Joseph sive Noel Vella Zarb, Mariella Schembri, Joseph Mark Vella Zarb u Jennifer Mallia and this in the quota of one fifth (1/5) undivided share each one of them the Succession of their mother Giuseppa sive Josephine Vella Zarb, widow of Anthony Vella Zarb, daughter of the late Emmanuele Seychell and Elena Seychell née Bugeja, born in Tas-Sliema, Malta, resided in San Ġiljan, Malta, and died in Msida, Malta, on the 1st January, 2021, aged 92, and who held identity card number 0402228M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

580

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-22 ta' Marzu, 2021, Rikors numru 423/2021, minn Mary Grace Demanuele et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary Grace Demanuele, Mary Helen sive Marlene Grech, Brian Grech u Kevin John Simon Grech fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-Suċċessjoni ta' ommhom Geltrude Grech, armla minn Francis Grech, bint il-mejtin Giuseppe Zammit u Giuseppa Zammit née Zerafa, imwielda Ħaż-Żabbar, Malta, kienet residenti l-Fgura, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fil-11 ta' Novembru, 2020, ta' 81 sena, u li kellha karta tal-identità bin-numru 0221239M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 22nd March, 2021, Application number 423/2021, by Mary Grace Demanuele et whereby they requested that it will be declared open in favour of Mary Grech Demanuele, Mary Helen sive Marlene Grech, Brian Grech and Kevin John Simon Grech in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the Succession of their mother Geltrude Grech, widow of Francis Grech, daughter of the late Giuseppe Zammit and Giuseppa Zammit née Zerafa, born in Ħaż-Żabbar, Malta, resided in Fgura, Malta and died in Msida, Malta, on the 11th November, 2020, aged 81, and who held identity card number 0221239M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

581

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-9 ta' Diċembru, 2020, Rikors numru 1625/2020, minn Mario Riolo fejn insegwitu tar-rikors Antonia Riolo armla minn Joseph Riolo, bint George Galea u Carmela née Aquilina, imwielda l-Furjana fit-3 ta' Lulju, 1938, u residenti l-Mosta, ta' 82 sena, u li għandha karta ta' identità numru 490138M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Marzu, 2021.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 9th December, 2020, Application number 1625/2020, by Mario Riolo, whereby following the application Antonia Riolo widow of Joseph Riolo, daughter of George Galea and Carmela née Aquilina, born in Floriana on the 3rd July, 1938, residing in Mosta, aged 82, and holding identity card number 490138M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 11th March, 2021.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

582

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-21 ta' Diċembru, 2018, Rikors numru 1998/2018, minn Frances Azzopardi fejn insegwitu tar-rikors Monica Azzopardi,

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 21st December, 2018, Application number 1998/2018, by Frances Azzopardi, whereby following the application Monica Azzopardi,

armla minn Carmelo Azzopardi, bint Carmelo Camilleri u Emmanuela née Debono, imwielda l-Mosta fil-21 ta' Frar, 1960, u residenti Ħal Lija, ta' 59 sena, u li għandha karta ta' identità numru 0178160M ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Lulju, 2019.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 23 ta' April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

widow of Carmelo Azzopardi, daughter of Carmelo Camilleri and Emmanuela née Debono, born in Mosta on the 21st February, 1960, residing in Ħal Lija, aged 59, and holding identity card number 0178160M was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 11th July, 2019.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 23rd April, 2021

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

583

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Ottubru, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1093/2020, fl-ismijiet No Deposit Cars Malta Limited vs Adnan Abishag Gill ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Adnan Abishag Gill a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum s-26 ta' Ġunju, 2020

Lil Adnan Abishag Gill (KI 01923254A) ta' 21, Lucienne, Flat 2, Triq il-Baħrija, Marsaskala

Permezz tal-preżenti No Deposit Cars Malta Limited (C85780) ta' Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, qiegħed tirrendi eżegwibbli s-segwenti kambjali, liema kambjali jgibu t-total ta' €2,200 (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa bħala Dok. 1) liema kambjali huma naxxenti minn ftehim ta' Hire and Purchase ffirmat bejn il-partijiet fis-17 ta' Settembru, 2018 (kopja ta' liema qiegħda tiġi annessa u mmarkata Dok. 2) u huma s-segwenti:

1. Il-kambjala numru 11 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Awwissu, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

2. Il-kambjala numru 12 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Settembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

3. Il-kambjala numru 13 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Ottubru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

By means of a decree of the 15th September, 2020, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1093/2020 in the names No Deposit Cars Malta Limited vs Adnan Abishag Gill the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Adnan Abishag Gill in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 26th June, 2020

To Adnan Abishag Gill (ID 01923253A) of 21, Lucienne, Flat 2 Triq il-Baħrija, Marsaskala

By the present, No Deposit Cars Malta Limited (C-85780) of Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, is hereby executing and enforcing the following bills of exchange, which bills of exchange are of the total amount of €2,200 (a copy of which bills of exchange is being herein attached and marked as Doc. 1) which bills of exchange have been signed by virtue of the Hire and Purchase agreement dated 17th September, 2018, between the parties (a copy of which is being herein attached and marked as Doc. 2) and are as follows:

1. Bill of exchange number 11 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th August, 2019, and which sum has to date not been paid;

2. Bill of exchange number 12 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th September, 2019, and which sum has to date not been paid;

3. Bill of exchange number 13 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th October, 2019, and which sum has to date not been paid;

4. Il-kambjala numru 14 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Novembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

5. Il-kambjala numru 15 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Diċembru, 2019, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

6. Il-kambjala numru 16 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Jannar, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

7. Il-kambjala numru 17 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Frar, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

8. Il-kambjala numru 18 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Marzu, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

9. Il-kambjala numru 19 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' April, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

10. Il-kambjala numru 20 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Mejju, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx;

11. Il-kambjala numru 21 fl-ammont ta' €200 maħruġa mill-intimat favur il-mittent, liema kambjala skadiet fis-17 ta' Ġunju, 2020, u liema somma sal-lum baqgħet ma tħallsitx.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tiġi notifikata lilek ai termini tal-Artikou 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk inti ma topponix għall-esekuzzjoni ta' 'l fuq imsemmija kambjali fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, permezz tal-preżentata ta' rikors fl-atti tal-preżenti att, din l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħek u għalhekk il-kreditu vantat mill-mittenti fil-konfront tiegħek ikun eżegwibbli minnufih.

Minkejja li inti gejt mitluba tħallas l-ammonti surreferiti lill-mittenti ai termini tal-Payment Schedule (hawn annessa bħala Dok. 3) permezz tal-istatement (hawn anness u mmarkat bħala Dok. 4) inti bqajt inadempjenti u għalhekk kellha tiġi adottata din il-proċedura kontra tiegħek.

4. Bill of exchange number 14 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th November, 2019, and which sum has to date not been paid;

5. Bill of exchange number 15 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th December, 2019, and which sum has to date not been paid;

6. Bill of exchange number 16 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th January, 2020, and which sum has to date not been paid;

7. Bill of exchange number 17 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th February, 2020, and which sum has to date not been paid;

8. Bill of exchange number 18 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th March, 2020, and which sum has to date not been paid;

9. Bill of exchange number 19 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th April, 2020, and which sum has to date not been paid;

10. Bill of exchange number 20 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th May, 2020, and which sum has to date not been paid;

11. Bill of exchange number 21 in the amount of €200 issued by the defendant in favour of the company, which bill of exchange was due on the 17th June, 2020, and which sum has to date not been paid.

This judicial letter is being notified to you in accordance with Article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta and if you do not oppose the execution of the above bills of exchange within twenty (20) days from notification of the judicial letter by means of an application filed in the acts of the present judicial act, this judicial letter shall be rendered an executive title against you and therefore the credit being claimed by the Company shall become immediately executable.

